**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Baġits*

**2018/2093(INI)**

6.11.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-integrazzjoni differenzjata
(2018/2093(INI))

Rapporteur: Charles Goerens

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li r-responsabbiltà demokratika hija inseparabbli mir-responsabbiltà baġitarja; jindika li '"galassja" ta' fondi u strumenti, b'parteċipazzjoni varjabbli tal-Istati Membri u firxa diversa ta' proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' responsabbiltà, tfaċċat madwar il-baġit tal-Unjoni biex tappoġġja l-objettivi tal-politika tal-Unjoni'[1];

2. Jitlob rwol aktar b'saħħtu għall-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-qafas il-ġdid tal-governanza ekonomika sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà demokratika;

3. Jissottolinja l-ħtieġa li l-prinċipju tal-unità tal-baġit jiġi salvagwardjat; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata sorveljanza parlamentari fuq in-nefqiet kollha tal-UE;

4. Jirrikonoxxi bħala pass neċessarju lejn it-trażżin tal-'galassja' imsemmija hawn fuq, l-adozzjoni tar-Regolament QFP permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex b'hekk il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet applikabbli għalih tiġi allinjata ma' dik tal-programmi pluriennali tal-UE u l-baġit annwali tal-UE; jemmen li l-proċedura ta' approvazzjoni tiċħad lill-Parlament mis-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet li huwa jeżerċita fuq l-adozzjoni tal-baġits annwali, filwaqt li r-regola tal-unanimità fil-Kunsill tfisser li l-ftehim jirrappreżenta l-iżgħar denominatur komuni, abbażi tal-bżonn li jiġi evitat il-veto ta' Stat Membru wieħed; huwa konvint ukoll, li l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għandha tissostitwixxi r-regola tal-unanimità fil-Kunsill;

5. Jappoġġja r-razzjonalizzazzjoni u t-tħaddim ta' integrazzjoni differenzjata; jenfasizza l-fatt li t-tfassil ta' soluzzjonijiet ad hoc għal kwistjonijiet tal-UE taħt pressjoni ta' ħin, parzjalment jew kompletament barra l-istruttura istituzzjonali tal-UE, jiġġenera wkoll spejjeż addizzjonali bla bżonn;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tħejji rapport annwali li jakkumpanja l-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jiġbor flimkien informazzjoni disponibbli u mhux kunfidenzjali marbuta man-nefqa mġarrba mill-Istati Membri fil-qafas ta' kooperazzjoni msaħħa, sal-punt li dan ma jiġix inkluż fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

[1] "The European Budgetary Galaxy" (Il-Galassja Baġitarja Ewropea), *European Constitutional Law Review* (Rivista tal-Liġi Kostituzzjonali Ewropea), 13: 428–452, 2017

## INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 5.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 6<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Marco Valli |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Michael Detjen, Stefan Gehrold |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 24 | + |
|---|---|
| ALDE | Jean Arthuis, Gérard Deprez |
| PPE | Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere |
| S&D | Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken |
| VERTS/ALE | Indrek Tarand |

| 6 | - |
|---|---|
| ECR | Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk |
| EFDD | Marco Valli |
| ENF | André Elissen, Marco Zanni |
| NI | Eleftherios Synadinos |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni